## IL-KOSTITUZZJONI TA'MALTA

## DELEGA TA' ĊERTI SETGĦAT DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

MILL-ONOREVOLI Dott. Robert Abela, K.U.O.M., B.A., LL.D., ADV., TRIB., MELIT., M.P., PRIM MINISTRU

BILLI l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li s-setgħa biex ineħħi u biex jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'karigi pubbliċi tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

U BILLI huwa pprovdut ukoll fl-istess artikolu li l-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jista' jiddelega bil-miktub kull waħda mis-setgħat hawn fuq imsemmija lil dak l-uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra kif jistgħu jkunu speċifikati fid-Dokument ta' Delega;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat il-25 ta' Marzu, 1966, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lill-Kummissarju tal-Pulizija ċerti setgħat ta' kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'xi kariga fil-Korp tal-Pulizija;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat is-17 ta' Diċembru, 1996, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi ċerti setgħat ta' kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'kull waħda mill-kariga fil-gradi tas-Servizzi Korrettivi, sakemm ma jkunx fil-grad ta' Direttur, Servizzi Korrettivi;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat l-1 ta' Novembru, 1999, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet elenkati fl-iSkeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat il-21 ta' Diċembru, 2004, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega liċ-Chief Executive Officer ta' Heritage Malta s-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina) fuq l-uffiċjali pubbliċi li jkunu allokati biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom ma' Heritage Malta;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat it-18 ta' Ġunju, 2014, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet elenkati fl-iSkeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat il-11 ta' Frar 2020, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-2017 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet elenkati fl-iSkeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat it-22 ta' Marzu 2021, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-2017 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet oħra elenkati fl-iSkeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li d-Dokumenti hawn fuq imsemmija għandhom ikunu sostitwiti bid-delega ta' setgħat kif indikat hawn taħt;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li s-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq l-uffiċjali pubbliċi, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 07) għandhom jiġu eżerċitati mingħajr l-ebda referenza għal Kummissjoni mill-uffiċjali pubbliċi jew awtoritajiet elenkati fl-Iskeda ma' dan id-Dokument, sal-limitu hemm indikat fl-istess Skeda u bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet speċjali f'dan ir-rigward, iżda -

(i) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tista' f'kull ħin tirrakkomanda lill-Prim Ministru sabiex dan id-Dokument ikun kollu kemm hu rtirat jew ikun irtirat għar-rigward ta' uffiċjali pubbliċi partikolari jew xi awtorità oħra; u

(ii) meta ssir rakkomandazzjoni bħal din, u sakemm il-Prim Ministru jaġixxi fuq rakkomandazzjoni bħal din, is-setgħa delegata permezz ta' dan id-Dokument għandha tkun sospiża kollha kemm hi, jew sospiża biss għar-rigward ta' xi uffiċjali pubbliċi partikolari jew awtoritajiet, kif jista' jkun stipulat fir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

U BILLI jien naqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIEN, ROBERT ABELA, K.U.O.M., B.A., LL.D., ADV., TRIB., MELIT., M.P., PRIM MINISTRU fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'din nordna li mid-data hawn taħt imsemmija s-setgħat li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li għandhom ikunu eżerċitati mill-uffiċjali pubbliċi jew l-awtoritajiet l-oħra elenkati fl-iSkeda ma' dan id-Dokument u għandhom ikunu hekk eżerċitati mill-imsemmija uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet l-oħra, sal-limitu li hemm fl-imsemmija Skeda u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali li hemm fiha, u dan skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

MOGĦTI bil-firma tiegħi
fil-Berġa ta' Kastilja, Valletta
illum l-11 ta' Lulju 2023

**SKEDA MAD-DOKUMENT TA' DELEGA**

L-uffiċjali pubbliċi u awtoritajiet oħra elenkati hawn taħt għandu jkollhom is-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju, skont ir-Regolamenti tal-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 07) u d-Dokument ta' Delega li din l-iSkeda tagħmel parti minnu, mingħajr referenza lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq uffiċjali pubbliċi fl-oqsma tal-ġurisdizzjoni tagħhom, u suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għalihom:

| *Uffiċjal jew awtorità* | *Qasam ta' ġurisdizzjoni* | *Dispożizzjonijiet speċjali* |
|---|---|---|
| Segretarju Permanenti Ewlieni | Fil-kapaċità ta' Kap tas-Servizz Pubbliku:<br><br>(a) uffiċjali pubbliċi fl-uffiċċju tiegħu stess;<br>(b) Segretarji Permanenti, Kapijiet ta'Dipartiment, Diretturi Ġenerali u Diretturi,;<br>(ċ) uffiċjali pubbliċi fi skala ta' salarju 2;<br>(d) uffiċjali pubbliċi fi kwalunkwe uffiċċju jew stabbiliment li ma jagħmlux parti minn Ministeru jew dipartiment tal-Gvern. | |
| | Kif previst fir-Regolamenti tal-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 07):<br><br>(a) regolament 12(3);<br>(b) regolament 12(12);<br>(ċ) regolament 13(6);<br>(c) regolament 15(2);<br>(d) regolament 23(2)(d);<br>(e) regolament 23(4);<br>(f) regolament 27(6);<br>(g) regolament 28;<br>(h) regolament 29(4);<br>(i) regolament 32(6). | |
| | Fil-kapaċità ta' Segretarju Permanenti, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, taħt l-artikolu 14(6) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika:<br><br>(a) uffiċjali pubbliċi oħra fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu;<br><br>(b) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijiet pubbliċi oħra taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru; | Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jista' jassenja ġurisdizzjoni fuq kwalunkwe kategorija ta'uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, id-dipartimenti li jaqgħu taħtu, u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, lis-Segretarji Permanenti maħtura biex jassistuh skont il-proviso tal-artikolu 14(6) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595). |

| *Uffiċjal jew awtorità* | *Qasam ta' ġurisdizzjoni* | *Dispożizzjonijiet speċjali* |
|---|---|---|
| | (ċ) uffiċjali pubbliċi li qabel kienu jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jew id-dipartimenti li jaqgħu taħtu li jkunu ġew assenjati lil organizzazzjoni mhux governattiva; u<br><br>(d) uffiċjali pubbliċi fis-Segretarjat tal-Prim Ministru u kull Segretarju Parlamentari li jirrapurta lill-Prim Ministru. | |
| Segretarju tal-Kabinett | Uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Kabinett. | — |
| Segretarji Permanenti | (a) uffiċjali pubbliċi fl-uffiċċju tagħhom stess;<br>(b) uffiċjali pubbliċi oħra fil-Ministeru tagħhom u d-dipartimenti li jaqgħu taħthom;<br>(ċ) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet u organizzazzjonijet pubbliċi oħra taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru;<br>(d) uffiċjali pubbliċi li qabel kienu jaqgħu taħt il-Ministeru jew id-dipartimenti li jaqgħu taħtu li jkunu ġew assenjati lil organizzazzjoni mhux governattiva; u<br>(e) uffiċjali pubbliċi fis-Segretarjat tal-Ministru u kull Segretarju Parlamentari li jirrapurta lill-Ministeru. | — |
| Kummissarju tal-Pulizija | Uffiċjali tal-Pulizija u kwalunkwe uffiċjali pubbliċi oħra assenjati mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. | Setgħat ta' Kap tad-Dipartiment fir-rigward ta' uffiċjali tal-pulizija ma għandhomx ikunu eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti relevanti jew xi uffiċjal jew awtorità oħra minbarra l-Kummissarju tal-Pulizija.<br><br>Id-delega ta' awtorità għandha tiġi eżerċitata mill-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164). |
| Diretturi Ġenerali, Diretturi, Kapijiet Eżekuttivi u uffiċjali pubbliċi oħra f'kapaċità ekwivalenti li huma inkarigati li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju | Uffiċjali pubbliċi fit-taqsimiet, dipartimenti, direttorati jew uffiċċji tagħhom. | Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi. |
| Diretturi (Servizzi Korporattivi) u kwalunkwe uffiċjali pubbliċi oħra fi skala ta' salarju 4 jew ogħla li huma responsabbli għall-immaniġġjar tal-impjegati, is-servizzi korporattivi jew amministrazzjoni f'Ministeru | (a) uffiċjali pubbliċi fid-direttorati jew uffiċċji tagħhom;<br>(b) uffiċjali pubbliċi oħra fil-qasam ta' ġurisdizzjoni tas-Segretarju Permanenti. | Salv għal kwalunkwe struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi. |

| *Uffiċjal jew awtorità* | *Qasam ta' ġurisdizzjoni* | *Dispożizzjonijiet speċjali* |
|---|---|---|
| Uffiċjali pubbliċi fi skala ta' salarju 4 jew ogħla li huma responsabbli għall-immaniġġjar tal-impjegati, is-servizzi korporattivi jew amministrazzjoni f'dipartiment | (a) uffiċjali pubbliċi fid-direttorati jew uffiċċji tagħhom; u<br>(b) uffiċjali pubbliċi oħra fid-dipartiment tagħhom. | Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi. |
| Direttur responsabbli mill-Kunsilli Lokali | (a) uffiċjali pubbliċi fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali; u<br>(b) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet lokali oħra. | Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi. |
| Kmandant, Forzi Armati ta' Malta | Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Forzi Armati ta' Malta. | Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi. |
| Kapijiet Eżekuttivi, jew persuni f'kapaċità ekwivalenti, ta' aġenziji tal-Gvern, entitajiet tal-Gvern, jew korpi pubbliċi oħra minbarra Kunsilli Lokali u entitajiet oħra tal-gvern lokali | Uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijet pubbliċi oħra, minbarra Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet lokali oħra. | Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-iSkeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.<br><br>Dawn l-istruzzjonijiet jistgħu jirrikjedu lil kull Kap Eżekuttiv, jew persuna f'kapaċità ekwivalenti li żżomm lis-Segretarju Permanenti infurmat bil-proċeduri dixxiplinarji istitwiti minnu kontra uffiċjali pubbliċi. |
| | | |